**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 415/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elliot Magro)**

**vs**

**Mario Scicluna**

**Illum, 20 ta' Frar, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

"**Mario Scicluna**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 193485M

Akkużat talli:

"Nhar it-13 ta' Ġunju, 2018 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħaxija (23.30hrs) ġewwa Triq Bir ir-Riebu sitwata fir-Rabat (Malta):-

1) U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' vettura tar-Renault Megane bin-numru ta' reġistrazzjoni FCD-867, liema ħsarat jiskorru l-ammont t'Elfejn u Ħames mitt Ewro (2,500) li saret għad-dannu ta' Irene Mifsud Bonnici u/jew persuni oħra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt l-barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, għidt fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamilt atti jew ġesti oxxeni jew offendejt il-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, volontarjament kisser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Irene Mifsud Bonnici u tal-familjari tagħha u tapplika l-provvedimenti ta' Art. 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liena sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula."

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tal-lum stess il-parte civile iddikjarat u kkonfermat li trid twaqqaf dawn il-proceduri;

Il-Qorti stante illi l-parte civile irtirat il-kwerela, ghalhekk tiddikjara li l-mertu tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza llum huwa ezawriti; u fir-rigward tar-raba' akkuza tikkundanna lill-imputat ghal canfira.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur